**6 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Anthony Zahra**

***versus***

**Anthony Montanaro**

**Libell — Prova — Verità tal-Konviċju — Parti Attiva fil-Pulitika — Art. 16 inċiż (d) tal-Kap. 117.**

*Il-Liġi tal-Istampa tenumera tassattivament ħames każi li fi-hom hija ammissibbli l-prova tal-verità tal-konviċju; fost-hom dak meta l-persuna offiża tkun qegħdha tieħu parti attiva fil-pulitika u l-fatti lilha attribwiti huma dwar il-parti attiva li dik il-persuna tieħu fil-pulitika.*

*Ma hux la opportun, u lanqas prattikabbli, li tiġi ntentata de-finizzjoni tad-diċitura "parti attiva fil-pulitika"; għax il-każijiet possibbli ta' parteċipazzjoni attiva huma wisq żvarja-ti biex jistgħu jiġu kompendjati taħt ir-riġidità ta' definiz-zjoni; u hu aktar loġiku li dawk il-każijiet jiġu valjati skond iċ-ċirkustanzi partikulari tagħhom, fid-dawl ta' dawk il-prinċipji li jkunu jgħoddu għalihom.*

*Imma ma jidherx li jista' jiġi dubitat illi min ikun qiegħed jieħu parti fl-attivitajiet tad-diversi korpi jew enti kostitwiti minn partit politiku sabiex bihom dan jiġi żviluppat, u sa-biex jiġu propagati l-idejiet tiegħu u awmentat in-numru tas-sostenituri, ikun qiegħed jieħu parti attiva fil-pulitika. Hekk, min ikun membru ta' kumitat distrettwali ta' partit politiku, jieħu parti fil-konferenzi ta' dak il-partit, u b'modi oħra jikko-opera biex jiġu propagati l-fehmiet u l-"policy" ta' dak il-partit, u mhux sempliċement jipprofessa opinjoni politika, jew sempliċement jivvota, jew sempliċement jap-partjeni lil xi partit, jitqies li hu qiegħed jieħu parti attiva fil-pulitika; u fil-każ ta' libell li hu jagħmel kontra ġurnal dwar xi artikolu li jidhirlu li hu nġurjuż għalieh, il-kwere-lat huwa ammess biex jipprova l-verità tal-fatti attribwiti lill-kwerelant, jekk dawn il-fatti jirriferixxu għal dik il-parti attiva li hu jieħu fil-pulitika.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela miġjuba minn *Anthony* Zahra quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Anthony Montanaro, talli fil-Belt Valletta u fi bnadijiet oħra, bħala editur tal-"Berqa", f'rapport imsejjaħ "Fil-jum tal-Luttu", stampat fl-ewwel paġina tan-numru tal-11 ta' Frar 1959 (dok. A), inġurjah gravement;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti fejn ġiet miċħuda l-eċċezzjoni mogħtija mill-kwerelat, fejn qal li ried jipprova l-verità tal-fatti;

Rat l-eċċezzjoni tal-kwerelat, fejn issottometta li l-artikolu nkriminat mhux libelluż;

Rat il-verbal l-ieħor fejn il-kwerelat ammetta li kien l-editur tal-"Berqa" fil-11 ta' Frar 1959;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Marzu 1959, li biha sabet il-kwerelat ħati skond l-imputazzjoni, u in vista tal-kondotta tajba tiegħu preċedenti ordnat li jiġi liberat taħt il-provvedimenti tal-art. 23(1) (a) tal-Kodiċi Kriminali; bl-ispejjeż kontra l-kwerelat;

Trattat l-appell, limitatament, għal issa, għall-pont preliminari definit mill-Ewwel Qorti bid-digriet tagħha tat-13 ta' Marzu 1959, riportat fil-fol. 12 tal-inkartament;

Ikkunsidrat;

*Din il-kwistjoni preliminari tivverti fuq il-punt dwar* jekk, fil-każ preżenti, hijiex jew le ammessa l-prova tal-verità tal-fatti;

Il-liġi (Kap. 117, art. 16) tgħid li, f'kull kawża ta' libell minħabba malafama, il-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija ammessa jekk il-kwerelat, fl-istadju preliminari tal-kawża, jieħu r-responsabbiltà kollha tal-libell allegat, u jiddikjara b'difiża tiegħu li hu jrid jipprova l-verità tal-fatti attribwiti minnu lill-parti offiża. Mbagħad *il-liġi tenumera ħames każijiet, li fihom biss, tassattivament,* hi ammessa l-"exceptio veritatis", u dejjem basta li

l-fatti ma jkunx jirriferixxu għall-ħajja domestika tal-offiż;

Skond il-verbal reġistrat fol. 12. il-kwerelat, fl-istadju preliminari, assuma r-responsabbiltà tal-artikolu nkriminat, u eċċepixxa l-verità tal-konviċju. Il-fatti attribwiti lill-kwerelant ma jirrigwardawx il-ħajja domestika. Jibqa' li wieħed jara jekk il-każ preżenti jaqgħax ossija le taħt il-ħames każijiet enumerati "taxative" mil-liġi;

Il-kwerelat qiegħed isostni li l-każ jaqa' taħt l-inċiż(d) tal-art. 16 fuq imsemmi, li jippermetti l-prova tal-verità meta l-offiż jieħu parti attiva fil-politika, u l-fatti attribwiti lilu huma dwar il-parti li hu jieħu fil-politika;

Ma hux in kontrast bejn il-kontendenti illi l-kwerelant hu s-segretarju tal-Kumitat lokali tal-Partit Laburista l-Gudja, u li hu delegat tal-Konferenza Ġenerali tal-Partit Laburista. Il-Konferenza Ġenerali hija l-korp li jifforma l-"policy" tal-Partit, u din il-"policy", hekk stabbilita mill-Konferenza, ma tistax tiġi mwaqqa' mill-Eżekuttiv. Di pjù, il-Konferenza Ġenerali hija wkoll il-korp kompetenti biex jikkostitwixxi l-Eżekuttiv tal-Partit u biex jaħtar "leader" u d-"deputy leader" tal-Partit. Ġie anki spjegat li mill-Kumitat lokali jiġu formati l-Kumitati Distrettwali tal-Partit, li mbgħad ikunu rappreżentati fil-Konferenza;

L-inċiż in dibattitu daħal fil-Liġi Maltija l-ewwel darba fl-1929, meta ġie promulgat l-Att XXIX tal-1929. Infatti, fl-art. 24 ta' dak l-Att hemm enumerati l-każijiet li fihom tista' ssir il-prova tal-verità tal-fatti, fosthom meta l-offiż "prende parte attiva in politica e i fatti che gli si attribuiscono si riferiscono alla sua partecipazione in politica";

Il-Qorti eżaminat id-dibattiti parlamentari, tant fl-Assemblea Leġislattiva kemm ukoll fis-Senat, li żvolġew ruħhom meta saret il-liġi oriġinali tal-1929, fuq imsemmija (ara Parliamentary Debates, Official Report. Legis, Assembly 4th Session, 28-1929, Vol. 19, pp. 1911 et seq:; u Senate, 4th, 5th u 6th Sess., Vol. 8, pp. 292-293). S'intendi,

dawn id-dibattiti, kif dejjem ġie ġustament ritenut, ma jikkostitwux fonti ta' interpretazzjoni awtentika, imma jistgħu jitfgħu xi dawl fuq il-kwistjoni. Ma jidherx li f'dan il-każ ġie preċiżat mill-proponent tal-liġi l-aspett ġuridiku tal-kliem "prende parte attiva in politica"; imma dan kien probabbilment dovut għall-fatt li lanqas ma hu tant possibbli u prattikabbli li wieħed jirrestrinġi l-portata ta' dawk il-kliem b'definizzjoni, apparti li jagħti xi eżempju, peress li l-attività politika hija verament proteiformi, u kull każ għandu jiġi ġudikat skond il-fattezzi partikulari tiegħu. Dak li joħroġ mid-diskussjoni parlamentari hu li l-membri tal-oppożizzjoni nazzjonalista kienu jidhrilhom li b'dawk il-kliem kienet sejra tiġi inawgurata fis-sistema tal-liġi innovazzjoni perikoluża, li kienet tista' tikkomprendi l-każijiet kollha (ara osservazzjonijiet tal-Onor. Sir Ugo Mifsud p. 1912 u tal-Onor. Prof. Mallia, u. 1913). Iżda ma jidherx il kien fondat il-biża ta' dawn iż-żewġ deputati li jista' jiġi nvolut fil-prova tal-verità anki min sempliċement jipprofessa opinjoni politika, jew min sempliċement jivvota, jew sempliċement jappartjeni lil xi partit. Forsi — u jingħad "forsi" — kien ikun il-każ, talvolta, li wieħed jaħseb li l-liġi kienet qegħda tispazja ż-żejjed kieku kien hemm biss il-kliem "prende parte in politica"; imma hemm anki l-kelma "attiva", ċjoè "parte attiva", li ċertament tindika xi ħaġa aktar milli wieħed sempliċement jivvota, jew sempliċement ikun ta' ċerta opinjoni politika, jew sempliċement jappartjeni lil partit politiku. Hu żgur li bil-kelma "attiva" ġiet eskluża l-parteċipazzjoni merament passiva, li biha ma tiġix realizzata ebda operożita fl-attivitajiet tal-Partit;

Ma hux la opportun u lanqas prattikabbli li tiġi tentata mill-Qorti definizzjoni tad-diċitura "parte attiva", għax il-każijiet possibbli ta' parteċipazzjoni attiva huma wisq żvarjati biex jistgħu jiġu kompendjati taħt ir-riġidità ta' definizzjoni; u hu aktar loġiku li dawk il-każijiet jiġu valjati skond iċ-ċirkustanzi partikulari tagħhom, fid-dawl ta' dawk il-prinċipji li jkunu jgħoddu għalihom;

Ma jidherx li jista' jiġi dubitat, però, li min ikun qiegħed jieħu parti fl-attivitajiet tad-diversi korpi jew enti

kostitwiti mill-istess Partit sabiex bihom dan jiġi żviluppat, u sabiex jiġu propagati l-idejiet tiegħu u awmentat in-numru tas-sostenituri, ikun qiegħed jieħu parti attiva fil-politika. Partiċipazzjoni simili, b'azzjoni effettiva fl-organizzazzjoni tal-Partit, ma tistgħax ma tkunx waħda mill-forom ta' partiċipazzjoni attiva; għax mhux biss issuġġett tagħha ma jkunx qiegħed jillimita ruħu għal partiċipazzjoni merament passiva, imma jkun qiegħed jikkollabora, bl-azzjoni tiegħu, fix-xogħol tad-diversi korpi kostitwenti dik l-organizzazzjoni, fir-realizzazzjoni tal-iskopijiet tagħhom, fosthom bla dubju s-sistemazzjoni tax-xogħol tal-Partit, b'mod li dan jiġi sostnut, żviluppat, estiż, u preparat għall-eventwali lotti elettorali;

Għap-propożitu ta' din il-fehma tal-Qorti, hu rilevanti dak li kien intqal fid-diskussjonijiet parlamentari fuq riferiti. Infatti, fuq insistenza tal-Onor. Sir Ugo Mifsud, kap tal-oppożizzjoni nazzjonalista, li kien qal "Io su questa disposizione vorrei avere delle spiegazioni per l'ermeneutica di questo articolo", l-allura Prim Ministru, Onorevolissimu Lord Strickland, kien irrisponda hekk:— "A modo d'esempio, è inevitabile che collo sviluppo della vita parlamentare si avranno delle organizazzioni in questo paese come in qualunque altro paese similmente retto sul sistema moderno . . . . ". U aktar tard kompla jgħid, eżemplifikattivament, "he who takes an active part in a political organisation, we could say." U l-Onor. Sir Ugo Mifsud jidher donnu li kien qiegħed jaqbel ma' din l-idea, għaliex qal dan:— "Io posso rendere l'idea sua col dire è l'ufficiale di qualunque partito od organizzazione politicà". Kif ukoll l-Onor. Dr. Boffa, li għar-rimarka tal-Onor. Prof. Mallia, li b'daqshekk jista' jiġi kompriż anki min jieħu parti f'dimostrazzjoni, osserva:— "No, perchè non tutti formano parte di una organizzazione politica" (loc. ċit. pp. 1912-1913);

Issa, fil-każ preżenti, il-kwerelant hu segretarju ta' Kumitat Lokali tal-Partit Laburista. Minn dawn il-kumitati lokali jiġu furmati l-Kumitati Distrettwali, u jiġu, fi stadju ulterjuri, magħżulin il-delegati għall-Konferenza Ġenerali; u l-kwerelant hu wkoll delegat fil-Konferenza

Ġenerali atraverso dan is-sistema ta' organizzazzjoni tal-Partit Laburista. Bħala tali, hu jieħu parti attiva fil-Konferenza Ġenerali, li minnha jiddependi l-indirizz tal-"policy" tal-istess Partit, il-formazzjoni tal-Eżekuttiv, u x-xelta tal-Leader u d-Deputy Leader. Vwoldiri, li l-kwerelant ikopri karika li bl-esplikazzjoni tagħha hu qiegħed effettivament jieħu sehem fl-organizzazzjoni u fl-attivitajiet prinċipali tal-Partit. Xejn ma jimporta jekk il-vot tal-kwerelant hu wieħed fost numru kbir ta' voti, għax dak in-numru hu appuntu kompost minn voti singoli, fosthom dak tal-kwerelant; u lanqas hu rilevanti li wieħed jara x'influwenza qegħdha jkollha fil-fatt din il-parteċipazzjoni tal-kwerelant, għax indaġini simili tirrispekkja l-intensità tal-parteċipazzjoni, li tiddependi wkoll mill-kapaċità, personalità u enerġija ndividwali, imma ma tneħħix li l-parteċipazzjoni tkun attiva fis-sens fuq espost;

Fil-kors tal-argumenti ssemmiet anki n-notorjetà tal-parteċipazzjoni. Forsi din l-osservazzjoni ġiet suġġerita mill-kliem li kien qal l-allura Ministru tal-Ġustizzja Onor. Dr. Eric Parnis fid-diskussjoni quddiem is-Senat (loc. ċit. p. 292-293), għal xi rimarki li kien għamel l-Onor. Nutar Salvatore Borg Olivier, ċjoè:— "Allow me to explain the meaning of this paragraph. The ordinary man in the street who records his vote in favour of one party or another, and who discussess politics while taking a cup of coffee, does not take an active part in politics. By active part in politics we understand those persons who take such an active part as to be well-known and prominent members of the party . . . . . ";

Għap-propożitu, għandu jiġi osservat illi n-notorjetà tista' tkun mhux "kondizzjoni" tal-parteċipazzjoni attiva, imma "manifestazzjoni" tagħha. Bniedem jista' jkun magħruf u prominenti għaliex il-parti li jieħu tkun attiva mhux biss, imma anki spettakoluża, b'mod li tattira pubbliċità; imma bniedem jista' wkoll, jekk ikun segretarju ta' korp imdaħħal fl-organizzazzjoni tal-Partit, u delegat fil-korp suprem ta' dak il-Partit, jesplika attività ugwalment effettiva, għalkemm mhux daqshekk pubbliċizzata. Mhux biss, imma għandu jiġi wkoll rilevat li, biex wieħed ikun

"well-known and prominent", ma hemmx bżonn li jkun magħruf universalment, imma biżżejjed li jkun magħruf bħala parteċipanti attiv minn numru rilevanti ta' nies; u ma jistax ikun hemm dubju li l-parteċipazzjoni tal-kwerelant fil-Kumitat lokali, f'dak distrettwali, u fil-karika ta' delegat fil-Konferenza, hija konoxxuta minn numru rilevanti ta' nies;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell mid-digriet fuq imsemmi tat-13 ta' Marzu 1959, tirrevoka l-istess digriet, u tilqa' t-talba fissens li tippermetti l-prova tal-verità tal-fatti in bażi għall-inċiż (d) tal-art. 16 fuq imsemmi Kap. 117 Ediz. Riv. għassens tal-liġi; u għalhekk tirrinvija t-trattazzjoni għall-udjenza tal-20 ta' Ġunju 1959 għall-kontinwazzjoni.